MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 185/2014

**Alca Services Limited (C39066)**

**vs**

**J.J. Scerri Company Limited (C19742)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Mejju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hames mija u ghoxrin ewro (€520), liema somma tirrapprezenta l-prezz ta' *unit* tal-*air condition* tal-marka Fairland Split Unit, 12,000 BTU, bin-numru tal-mudell KFR-35GW, liema *air condition* mhuwiex tal-kwalita' pattwita, u dana stante li mhux ilahhaq mad-domanda ta' arja friska tal-kamra li fiha huwa nstallat. Illi wara li saru diversi interpellazzjonijiet mis-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta tibdel l-imsemmi *air condition*, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti. Illi in oltre, l-*air condition* de quo qieghed jigi ddepozitat permezz ta' Cedola ta' Depozitu ghand kunsinnatarju (Dok 'A').

Bl-ispejjez, inkluz dawk tac-Cedola ta' Depozitu u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-bejgh tal-imsemmi *air condition* sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta JJ Scerri Company Limited li giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Gunju 2014 fejn eccepiet:

1. *"Illi preliminarjament l-inkompetenza ratione valoris billi t-talba kellha ssir quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.*
2. *Illi minghajr pregudizzju u preliminarjament it-talba hi preskritta ai termini tal-artikolu 1407 tal-Kap 16.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghaliex ma hux minnu li l-unit*

*mixtri ma kienx skond il-kwalita pattwita. Illi s-socjeta' attrici ghandha minn issa tghid x'kienet il-"kwalita pattwita".*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost is-socjeta' attrici giet debitament informata diversi drabi li ma tistax thalli l-bieb miftuh u naqset li tagixxi skond l-istruzzjonijiet/rakomandazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2014 il-partijiet trattaw l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq din l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li gie deciz minnha stess fil-kawza fl-ismijiet kwotata mis-socjeta' attrici stess dwar din l-eccezzjoni ta' *ratione valoris* ghalkemm il-fatti specie tal-kaz kienu differenti u cioe' ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**<u>Vincent Chetcuti vs Michael Chetcuti'</u>** deciza nhar il-11 ta' Lulju 2012. F'dik is-sentenza din il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet '**<u>Vicky Coleiro et vs Michael Grech'</u>**, deciza nhar l-10 ta' April 2003 gie ritenut illi:

*'biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak illi sostanzjalment ikun gie mitlub fic-*

*citazzjoni jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta.'* ('**Generoso Cutajar vs Emmanuele Cutajar'** PA deciza 22 ta' Ottubru 1953, '**George Muscat vs Carmelo Zammit'** PA deciza 26 ta' April 1961.)

Tajjeb li jigi precizat ukoll li '*kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut'* ('**Oscar Busuttil noe vs Giuseppe Camilleri noe'** PA deciza 2 ta' Gunju 1952, '**Margherita Rizzo vs Edgar Zahra'** Appell Sede Inferjuri 10 ta' Jannar 1953 u '**Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe**' Appell Sede Inferjuri 31 ta' Lulju 1966).

In vista tal-insenjament suespost jinghad bla tlaqliq li hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tezercita l-gurisdizzjoni taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha (vide "**Frankie Refalo noe -vs- Jason Azzopardi et**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 u s-sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Woodline Ltd vs Forsite Design & Project Management Services Ltd**') li jfisser allura illi l-Qorti adita ghandha doverosament tezamina jekk fil-kaz de quo, t-talbiet u l-premessi jaqghux jew le fil-kompetenza taghha u appuntu taht l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ma' dan pero' irid jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-**Artikolu 753 (2) tal-Kapitolu 12** li jiddisponi li "*meta t-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni*".

Illi hekk fil-kawza fl-ismijiet '**Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine**' (A.I. (J.S.P) 31 ta' Lulju 1996) gie deciz illi:

*"Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi ukoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista' jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro l-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512). Dan jista' jigri billi l-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi l-kompetenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili l-kompetenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat".*

Il-Gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Sede Inferjuri hija naxxenti mill-**Artikolu 47 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

**Artikolu 47.** *(1) "Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

*(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*

*(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."*

Ma jistax ikun hemm dubju illi filwaqt li hu rikonoxxut li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar hu konferit mil-ligi, ex **Artikolu 3 (2) tal-Kap 380**, gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi t-talbiet kollha ta' flus ta' mhux anqas minn mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm250) awmentata fil-kors tal-proceduri bl-Att VI ta' l-2001 ghal elf u hames mitt Lira Maltija (Lm1500), eppure meta jkun rinfaccjat b'eccezzjoni li l-ammont reklamat m'huwiex dovut hu jkun jehtieglu jinvesti materja li tmur oltre l-kompetenza tieghu.

*Huwa veru li l-**Art 780 tal-Kap 12** jipprovdi li l-valur tal-oggett tal-kawza hu determinat mit-talba meta (a) it-talba hija ghal hlas ta' somma determinata. Dan il-principju tal-ligi ma jfissirx li hu dejjem hekk applikat fir-rigorozita shiha tieghu. Dan ghaliex id-dottrina procedurali tirrikonoxxi sitwazzjonijiet fejn il-kompetenza ma tiddependix mid-domanda biss, imma anke mill-eccezzjoni kif gja ntqal. Din hi prassi forensika pjuttost komuni, kif ravvizat minn dawn l-ezemplari: "**<u>Oscar Busuttil noe –vs- Giuseppe Camilleri noe</u>**", Prim'Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1952; "**<u>Margherita Rizzo –vs- Edgar Zahra</u>**", Appell, Sede Inferjuri, 10 ta' Jannar 1953; "**<u>Maria Grazia Pullicino et –vs- Assuero Ellul</u>**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Ottubru 1966.*

*"Dan jista' jigri billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza tal-eccezzjoni moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha" – "**Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul noe**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996.*

*Fil-kaz odjern is-socjeta' attrici mhix qed titlob il-hlas ta' xi bilanc minn somma akbar u b'hekk il-Qorti jkollha ta' bilfors,"ope exceptionis", tiddeciedi tali talba fl-isfond tan-negozju intier li sar bejn il-kontendenti. Li jfisser li n-negozju kollu u l-ammont kollu tan-negozju guridiku intervenut bejn il-partijiet ikun jehtieg jigi approfondit. Izda f'dan il-kaz l-ammont mitlub huwa sic et simplicite r-refuzjoni kollu tas-somma ta' euro 520 rapprezentanti l-prezz intier tal-unit air condition tal-marka Finland Split Unit 12,000 BTU u ghalhekk tali kontestazzjoni ma tesorbitax mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar" ("**Antonia Attard Gialanze –vs- Rita Borg**", Appell, 23 ta' Frar 2001; "**Joseph Cassar –vs- Air Malta Co. Ltd.**", Appell, 22 ta' Novembru 1996).*

Hu proprju b'dan in mira li l-**Artikolu 7 (2) tal-Kap 380** jenuncja l-principju illi t-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk (a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz tal-eccezzjoni li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Issa minn ezami tat-talba attrici jirrizulta li s-socjeta' attrici qed titlob lis-socjeta' konvenuta tirrifondilha s-somma ta' hames mija u ghoxrin ewro (€ 520) rapprezentanti l-prezz totali tal-unit tal-air conditioner tal-marka Fairland Split Unit 12,000 BTU liema valur ma jeccedix elf u hames mitt Ewro (€1,500). Illi ghalhekk tali talba zgur li taqa' fil-parametri tas-sub inciz (1) u cioe'

pretensjonijiet li l-valur taghha ma jeccedix l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€ 1,500) u ghalhekk kellha tigi ntavolata quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar.

**Konsegwentement il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.**

**Bl-ispejjez ghas-socjeta' attrici.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------